MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 1995/2003

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Grazio Ellul**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm343.45), u fejn intqal:**
**Illi fit-18 ta' Settembru, 2000 f'New Street in Windmill Street, Qormi, l-konvenut ikkaguna hsara f'cable tad-dawl proprjeta` tal-Korporazzjoni attrici liema hsara t'ammonta ghal tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm343.45);**
**Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas, dan il-hlas baqa' ma giex esegwit;**

**Ghaldaqstant il-korporazzjoni attrici titlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kkagunati lilha u titlob li jigi kundannat ihallas is-somma fuq indikata ta' tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm343.45) rappresentanti danni sofferti mill-korporazzjoni attrici ;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata f'Gunju, 2002, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-Korporazzjoni attrici fil-25 ta' Marzu, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, u peress illi t-talba attrici tirrzulta pruvata, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, isib lill-konvenut responsabbli ghad-danni kagunati, u jikkundannah ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm343.45) bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata f'Gunju, 2002 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------